MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru. 791/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Therese Sciberras)**

**vs**

**Leandross Cutajar ta' 20 sena, iben Carmelo u Alfreda Bonet, imwieled fid-29 ta' Lulju, 19884, u joqghod 22, Triq il-Kewba, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 389684 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Leandross Cutajar li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar il-21 ta' Awissu, 2004 u fil-jiem ta' qabel ghall-habta tal-kwarta ta'

filghodu gewwa Going Places Paceville, San Giljan mexxa biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati.

U aktar akkuzat talli fl-istess cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat)  xtara jew irceva minghand xi persuna/i jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kienu falsifikati.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (vide ukoll verbal 19.11.04).

Rat ukoll li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal dawn il-proceduri.

Rat ukoll l-ammissjoni ta' l-akkuzat kif registrata fl-istqarrija minnu rilaxxata.  Rat ukoll illi fl-istess stqarrija huwa mar oltre l-ammissjoni imma anke kkopera mal-pulizija fir-rigward tal-provenjenza tal-flus foloz.

Ikkonsidrat

Illi in vista tal-premess din il-Qorti qed issib lil Leandross Cutajar hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitlu 204 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' Cutajar, jidher li hu gia pprevalixxa ruhu mill-provediment tal-Kapitlu 152, pero' ma giet esebita ebda sentenza in sostenn ta' dan.

Qieset anke l-gravita' tar-reat li persuna tqieghed in cirkolazzjoni flus foloz.  Qieset li fil-fatt reat ta' dan it-tip ghandu jkun punibbli b'piena karcerarja li l-Qorti qeghda tissospendi biss in kwantu ghall-ammissjoni bikrija u wkoll ghal dak minnu mistqarr fl-istqarrija u qeghda ghalhekk tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin u dana wara li rat l-artikolu 28 A tal-Kapitlu 9.

Tordna wkoll ai termini tal-Kapitlu 204 (artiklu 49(a)) illi l-biljetti foloz esebiti fl-atti jigu rtirati wara li tithalla d-debita rcevuta minn rapprezentant tal-Bank Centrali ta’ Malta wara li jigi debitament hekk identifikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------